

# Gorgion

OL. 3

lju/Awissu 1975 No. 4 (19)

# Gorgion

jannar 76

VOL 3 NO 4 (19)

WERREJ


| | |
|---|---|
| p. 1 | fehmitna. |
| p. 2,3,7,11 | IL-KWADRU TITULARI TAX-XEWKIJA. |
| p. 4,5 | IS-SURMAST TAL-Banda - C. BORG- |
| p. 6, 17 | "L-Ewwel Ghajnuna" f. farruggia |
| p. 8, 9 | storja tal-futbol Joe Psaila |
| p. 10 | Dawra mar-rahal C. Attard |
| p. 12, 13 | Ghawdex fl-imghoddi M. Camilleri. |
| p. 14. | Il-kelma tal-fr. |
| p. 15 | kronoka-R. Calleja. |
| p. 16 | kummenti tat-turisti carmel grima |
| p. 17. | kompetizzjoni. |

# Fehmitna

progress.........u success.

Nhar it-8, ta' Novembru, waqt id-dramm kbir li ghamlet l-"Ghaqda Zghazagh Xewkin", l-Arcipriet, ha l-okkazzjoni 'u ghmel appell qawwi biex fl-oqsma kollha tar-rahal taghna isir iktar progress... u success.

Progress sar hafna. Sar progress fil-

* futbol (rebh tac-Championship '74/75)
* museum (tlestija tal-bini tal-qasam)
* rotunda (stalazzjoni tad-dawl, tkomplija tal-bini tal-prospettivi, u l-bini tas-sala, flimkien max-xiri tal-bankijiet godda)

...imma ma nieqfux hawn. Jehtieg li isir iktar progress fl-oqsma li semmejna iktar il fuq, u b'mod partikulari fil-

* banda
* fl-ghaqdiet tar-rahal taghna.

Biex isir progress, jehtieg li ahna ilkoll nahdmu.

Ahna nammirraw lil dawk kollha li jahdmu minn qalbhom ghar-rahal taghna. Pero' hawn hafna li jiftahru bis-successi tar-rahal, imma huma stess ma jmiddux ... l-isken bicca xoghol.

Jekk tassew trid li taghmel il-gid lir-rahal tieghek; li r-rahal tieghek jaghmel progress.... u success, ahdem. Jekk verament trid, issieheb f'xi wahda mill-ghaqdiet taghna;- il-banda, il-futbol club, jew xi ghaqda ohra,



Fil-vangelu ta' San Mattew, Kap 3, wersi 1-3 insibu miktub hekk: "F'dak iz-zmien Gwann l-Ghammiedi beda jipprietka fix-Xaghri tal-Gudeja: 'indmu ghax is-Saltna tas-sema tinsab fil-qrib.' Dan hu dak li fuqu tkellem il-Profeta Izajija meta qal: 'illehen ta' wiehed jidwi fix-Xaghri, jhejji u jwitti t-triq ghall-Mulej.' "

Din is-silta mill-Vangelu ispirat l-artist li mill-pinzell tieghu hareg il-kwadru titulari tax-Xewkija li jirraprezenta sewwa sew lill-Prekursur ixandar l-indiema u jhejji t-triq ghall-migja tal-messija.

Jekk tinnotaw ma rriferejtx ghall-pittur ta' dan il-kwadru b'ismu. Nistghu nghidu li fil-kas tat-titular tax-Xewkija, l-istorja ta' l-arti taghlqilna l-bieb f'wiccna.

Skond it-tradizzjoni dan il-kwadru hu attribwit lill-pittur Kalabriz Mattea Pretti. Qabel nissuktaw jaqbel li naghti xi hjiel dwar din il-pittura Il-Preti, li ghandhu post importanti fl-arti barokka tas-seklu sbatax, twieled f'Taverna fl-1613. Studja Napli u Ruma u kellu gibda kbira lejn il-Guercino u l-iskola Venezjana tas-seklu sittax. Fit-tiswir ta' l-istil tieghu kellu influwenzawkoll mill-arti ta' Caravaggio. Il-Preti vjagga qatigh u fl-1660 wasal Malta fejn fost xoghlijiet ohra pitter is-saqaf tal-Kon-Katedral ta' San Gwann. Mattea Preti

## IL-KWADRU TITULARI TAX-XEWKIJA

******

Dan l-artiklu ixxandar minn fuq 'Cable Radio' nhar it-22 ta' Gunju 1975.-Festa ta' S. Gwann.

******

*joe camilleri*

miet Malta fl-1699.

Ghadd ta' storici Maltin, jinkludu fl-kwadru tax-Xewkija fost ix-xoghlijiet ta' Preti. Biss kif ghidna, jidher li l-ipotesi taghhom hi imsejsa fuq it-tradizzjoni. Imkien ma stajt insib dokumentat li dan il-kwadru hareg tabilhaqq minn id il-pittur kalbariz. B'Hekk ma jfissirx li nista nsahhah jew inwaqqa' it-tradizzjoni. Jiena tal-fehma li l-Preti tabilhaqq pitter kwadru ghall-Knisja tax-Xewkija; biss ma jidhirx li hu l-istess wiehed li hemm il-lum. X'sar sewwa mill-kwadru originali ma nistghux nghidu fiz-zgur qabel isir tiftix iktar bir-reqqa.

Hemm min jahseb li l-kwadru li hemm il-lum lum u li inghata b'rigal lill-Knisja mill-Isqof Molina, hu kopja ta' l-original li ezista qablu. Biss ma nistghux nghidu jekk il-Preti kellux sehem dirett fit-twettiq ta' dan il-kwadru. Nahseb li ma nitqarraqx jekk nghid li l-pittura hi zgur ta' student jew ta' l-iskola ta' Preti. Fl-immodillar tal-figura, fit-tonalita' ta' l-ilwien, fil-lewn ahmar, fil-chiaroscur karavaggesk u fix-xena tal-warrani, jiena nara it-timbru tal-iskola tal-Preti.

Jerga' fil-knisja ta' San Domenico ta' Taverna jezisti kwadru maghruf bhala 'San Giovanni Battista con auto-ritratto', igifieri kwadru ta' San Gwann fejn fix-xellug tieghu l-Preti pitter xbieha tieghu nnifsu liebes ta' kavallier. Bejn dan il-kwadru li tpinga ghall-habta ta' l-1660 u dak tax-Xewkija hemm bosta elementi komuni kemm fil-kompozizzjoni kif ukoll fit-tizwiq ta' l-ilwien. Min jistudja sewwa z-zewg kwadri jinnota li l-parallelizmu li jezisti bejn iz-zewg kompozizzjonijiet seta' hareg biss minn skola wahda. Ghalhekk ghidt li ma nahsibx li nkun nitqarraq jekk ntenni li l-kwadru tax-Xewkija, jekk ma fihx id-daqqa ta' l-imghallem Preti innifsu, fih l-esekuzzjoni ta' xi artist li ssawwar taht idejh.

Kemm il-kwadru tax-Xewkija kif ukoll dak ta' Taverna huma artistikament ta' livell gholi. Izda f'dak tax-Xewkija nara esekuzzjoni wisq ahjar. Il-personalita' ta' San Gwann tidher iktar eminenti u nterpretata b'mod ajjed konvincenti. Iz-zewg kwadri ghandhom kompozizzjoni....

⇒ 7

Is-surmast ~~tal-Banda 'Prekursur'~~,
Carmelo Borg, twieled fl-Imsida, Malta, fis-17, ta' Settembru 1925 minn Spiridione u Giorgina Azzopardi.

Ta' [redacted] disgha snin hu [redacted] beda l-karriera tieghu fl-arti muzikali taht idejn is-[redacted] Surmast Gorg Tammzuli. Ghall-ewwel beda' jdoqq il-kwartin mal-banda Nazzjonali "La Vallette" tal-Belt Malta.

Meta faqqghet it-tieni gwerra dinjija il-familja Borg marret toqghod [redacted] Hal Qormi u hawn beda jistudja diversi strumenti. Taht idejn Maestro Joseph Magri li dak iz-zmien kien surmast tal-Banda 'San Gorg' ta' Hal Qormi, C. Borg, beda jitharreg fil-Pjano Forte taht id-direzzjoni ta' Mro Carmel Costa ta' Birkirkara.

Intefa' b'ruhu u gismu ghall-arti muzikali, u beda jistudja l-armonija u l-Kontrapunt taht il-maghruf surmast Vincenzo Costa. Studja ukoll l-istrumentazzjoni u l-Kontrafuga taht idejn il-Professur [redacted] Mro. Giuseppe Casapinta. Wara ghamel Kors fl-arti muzikali taht id direzzjoni tas-surmast tal-Opri, Maestro Luigi Cantoni.

Is-surmast C. Borg waqqaf ~~hafna~~ [redacted] 1949 [redacted] l-Orkestra "L.V. Beethoven" gewwa Hal-Qormi. Fis-sena 1953 huwa gie mahtur Surmast Direttur tal-Banda "Mt Carmel" tal-Gzira li ghadu jmexxi sal-lum.

Ghal ahhar tas-sena 1961, il-kumitat tal-ghaqda Muzikali "Il-Prekursur" talab lis-surmast Carmelo Borg biex jiehu taht idejh it-treggija tal-Banda u li dan

wenzu camilleri
*dwar*
carmelo g. borg
*M.P.R.S.(Lond.)*
*1961-1968*

*surmast tal-banda*

*PREKURSUR*

bil-qalb kollha accetta. Taht idejh Mro C. Borg il-Banda l-Prekursur marret hafna 'l quddiem u ghamlet progress kbir tant li fis-sena 1962 nsibu numru mhux hazin ta' bandisti godda. Mro. Carmelo Borg barra li kiteb kiteb lil Prekursur diversi marcijiet funebri u brillanti, ikkompona ukoll ghall-istess socjeta' l-Innu tal-Qtugh ir-Ras ta( S. Gwann Batt. u ukoll l-innu tal-Banda. Fil-ftuh tal-kazin il-gdid, cioe' fis-sena 1965 is-surmast Borg irregala lil Banda bicca muzika sabiha li barra li hija originali hija tifkira ta' dan l-avveniment.

Mro Carmeol Borg kien direttur tal-Jor "Melita Invicta" tal-Marsa. Idderiega ukoll bosta drabi il-Bnada Nazzjonali ta' Malta kemm fir-Radio City u ukoll fit-teatru Manoel tal-Blet. Huwa ukoll ezaminatur fil-Gara ta' l-Allievi li tigi organizzata mill-M.B.A. u gie mahtur full member Composer, and Arranger of Music tal-Performing Rights Society ta' Londra.

Fis-sena 1968 billi s-surmast C. Borg kellu hafna mpenji f'Malta li ghamluh impossibli li jigi ta' kull gimgha biex jattendi ghall-programmi jew kuncerti, kellu kontra qalbu jinfatam mis-socjeta' Muzikali 'Il-Prekursur' li kien ihobb daqs il-mimmi t'ghajnejh. Sal-lum is-surmast Borg ghadu marbut mal-banda u mar-rahal tax-Xewkija tant li ghalkemm ghaddew hafna snin dejjem ihoss ferh kbir meta r-rahal jew il-banda tissemma f'xi attivitajiet kulturali li tkun ghamlet b' success.

Fis-sena 1971, Mro C. Borg ha l-inkarigu u d-direzzjoni tal-Bnada S. Vneera, Malta, u fis-sena 1973 gie innominat surmast ta' l'allievi tal-Ghaqda Filarmonika Sliema Band.

Mro. Carmel Borg huwa kompozitur ta' hafna opri, marcijiet u xoghlijiet ohra muzikali. In-numru ta' dawn huwa mhux hazin u jlahhaq fuq il-mitejn bicca muzika. Kiteb diversi Innijiet, Pregieri, Inni korali, Sinfoniji, Marcijiet funebri, brillanti u bosta opri ohrajn muzikali. Barra dawn il-bcejjec, ghal diversi baned, kiteb ukoll hafna muzika sagra, Ave Marija, Quddies Solenni, Te-Deum, Tantum Ergo f'diversi knejjes f'Malta u fil-festa tal-patru u hafna Antifoni li jindaqqu tal-patrun tar-rahal.

Ma niskantawx li is-surmast C. Borg huwa awtur ta' hafna xoghlijiet muzikali ghaliex huwa gej minn familji li dejjem ghamlu unur fl-arti muzikali tant minn naha t'Ommu kif ukoll minn nahha ta' missieru!

# L-ewwel ghajnuna

*parir dwar is-sahha.*

Fi ftit kliem, sejra nghidilkom kif tinghata l-ewwel ghajnuna. Meta wiched ihossu hazin ghanma il-vizzju li inpogguh bil-qieghda,-dan hazin! Il-marid ghamlu mindud u jekk ikollu xi hwejjeg issikkati hal ingravata, jew cinturina dawn nehhijhomlu. Fil-kas li tpoggih bilqieghda trid tnizzilhu rasu l-isfel hafna, bwazi tkokk ma l-art. Hawn jekk tkun wahdek facli li l-marid jaqa'.

Meta wiched jaqla xi snien u jibqa' hiereg id-demm, ghamillu tajjara u halliha hemm, toqghodx tnehhija allavolja din tintela' bid-demm ghax kull darba li tnehhija tkun qed tnehhi dik irita li tkun ser tghaqqad id-demm. Ikel jahraq ma jaghmlix tajjeb u wisq iktar li toqghod jobzoq, ghax iktar johroglu demm.

Meta wiched jaqta' xi imkien u jkun hiereg hafna demm-Ghamillu bicca carruta nadifa fuq il-qata', jekk tista gholli il-parti il-fuq, u orbot xi maktur, il-fuq mill-qata'. Zomm il-hin minn meta tkun orbat il-maktur,-thallihiex akta minn 20 minuta ghax jinbaghad majkunxhemm cirkulazzjoni, tajba tad-demm u l-marid jista jitlef dik il-parti!

Fil-kas li wiched ikun ser jeghreq

17

..... ta' figua centrali f'qaghda diogonali. Hemm xebh ukoll fix-xena tal-warrani u fit-tizwiq ta' l-ilwien.

Fit-titular tax-Xewkija, San Gwann jidher qieghed iktar lejn ix-xellug tal-kwadru. Drieghu tax-xellug jidher bil-pala ta' l-id imserrha fuq xifer blata waqt li sebghu l-werrej ta' l-id il-leminija juri 'l fuq. Minn dan is-sebgha nistghu nigbdu linja djagonali li tizzerzaq marrigel bil-pala tas-sieq imserrha fuq gebla. Din il-linja djagunali hi parallela max-xaqliba tar-ras u l-qaghda tad-driegh ix-xellugi, mar-ras imgennba tal-harufa f'riglejn il-qaddis, maz-zokk gheri fuq in-nahha ta' l-id il-leminija u bejn wiehed u iehor ukoll maz-zokk l-ewlieni fil-warrani.

Minn-naha l-ohra, dawn il-linji paralleli jinkisru mill-bastun u mix-xfur tal-blat waqt li biex johloq kontrapposto mal-linji dritti, il-pittur inqeda bil-liwjiet fl-imodillar tal-figura tal-harufa u l-linja miksura li tohloq l-ghajn ma' truf il-frieghi tas-sigra.

Fit-titular tax-Xewkija jolqotna qatigh l-istudju ta' l-anatomija, l-izjed fil-muskulatura f'driegh u rigel il-qaddis. L-immodillar tal-figura jfakkrek f'hafna mill-karattri tas-saqaf tal-Kon-Kattedral ta' San Gwann. Il-chiaroscur karavaggesk tal-kwadru hu mahdum b'sengha tabilhaqq ta' mghallem. Il-massa mudlama fuq in-nahha tax-xellug, hija bilancjata mill-anglu mtajjar fir-rokna opposta ta' fuq. L-ahmar sabih f'mantar il-qaddis jimxi fuq l-istess skala ta' l-ilwien kiesha filwarrani -- 'l-ikhal imghajjeb tas-sema mtaqqal u l-ahdar skur tas-sigra li titla' minn wara u ssaqqaf lill-qaddis. B'hekk xejn ma jispikka zzejjed u l-kontroll ta' l-ilwien hu wiehed assolut.

Ahna nafu li fi zmien il-Preti, fi kwadru ta' dan ix-xorta 'il-landscape' ma kelliex ghan iehor ghajr li isservi ta' dekorazzjoni jew inkella ta' warrani ghall-figuri. Izda fil-kwadru tax-Xewkija ma nistghux ma nitghaxxqux bid-dawl dghajjef li jidher qisu jnewnem mill-warrani. Il-dawl jaqa' ukoll fuq genb wicc l-anglu, fuq tarf gbin San Gwann, fuq il-muskulatura tad-driegh, fuq tarf l-irkoppa u l-pala tas-sieq ix-xellugija u fuq wicc imgenneb tal-harufa.

ikompli pagna:- 11



# FUTBO

STORJA TAL-FUTBOL

tul l-1974, fil-Lvant Nofsani kien ghad hemm it-theddid tat-taqliba,u
stràalizzati kienu jithabbtu biex jidraw jghixu mal-krizi taz-zejt.
-Punent il-qaghad zdied b'figuri allarmanti, u saret riforma radikali
x ittejjeb l-istat ekonomiku tal-pajjiz. Imma fl-istess sena l-Germa
het il-World Cup u skond stharrig fl-opinjoni Pubblika dan kien it-ti
nt l-iktar importanti ghall-Germaniz matul dik is-sena. Ir-Rbbh tal-
n ivvotat "runner up" f'konkors dwar liema kienet l-ahbar l-iktar imp
tul l-1974. Ghaddietu biss ir-rizenja f'Mejju tal-kancellier Willy Br

Tistaghgeb meta tiftakar, li ghal zmien twil fl-
ghu l-futbol kien biss karnivalta.

L-istorja tal-futbol mhux ghal kollox cara; hag
rta: il-futbol dejjem gennen l-imhuh!! Xi loghba bil-ballun kienet ti
a madwar 200 sena qabel Kristu, u l-imperatur, kien tant iffissat fil-
sullieri ta' madwaru hassew il-bzonn li jifthulu ghajnejh. Il-Griegi
oghbeibiltbàllun 'episkyres', u r-Rumani 'harpustum' ghalkemm it-tnejn
-ballun b'idejhom. Minn zmienijiet bekrin F'xi irhula tal-Gran Brittanj
tbol kienet tkun orhganizzata darba fis-sena nhar Shrove Tuesday, jigif
s ir-Randan. F'Chester il-hajjata kienu jilghabu bejniethom fil-pjazza
ballun tal-gild li l-iskarpan kien jipprondilhom. F'rahal iehor in-nis
nu jilghabu kontra nenisa l-ohra tar-rahal li jkun irnexxielhom (biex
k ) ma jizzewgux. Il-mizzewgin spiss kienu jirbhu, forsi ghax kellhom
ucja fihom infushom.

Fis-sena 1365, ir-Re Dwardu 111 ordna li t-truppi
lghabu l-ballun. Kien ahjar ghal pajjiz li is-suldati jittrenjaw l-ispa
s. Fis seklu 18 l-inglizi kienu jilghabu jew jitqtlu f'sfak li baqa' j
b futbol'; folla minn rahal kienet tipprova tirbah folla avverdarja mi
hor. Il-futbol fil-forma moderna tieghu twieled l-Ingilterra u xtered
mezz tar-rigmenti fil-kononji, u ta' l-emigranti Inglizi

Matul is-sekli, l-ballun, l-element fundamentali
ed l-attenzjoni ta' kull min xtaq jifhem il-futbol fil-fond. Kien hemm
l-ballun fil-movimenti tieghu f'zifna b'ritmi u direzzjonijiet improvvi
prevvisti, hu simbolu tal-liberta', pero' minn ligijiet. Kien hemm min

L *minn*

l-pajjizi
-Germanja
fit-taxxi
ja tal-Punent
i avven-
World Cup
rtanti
dt.
-istorja

qahda hi
tlaghab fic-
loghba li l-
antiki laqqmu
kienu jgorru
a loghba
ieri lejliet
tal-Post
a mizzewgin
du
iktar

a jithallewx
ar tal-
ssejjah
tahal
ad-dinja

l-loghba,
min stqarr
zi u
mreg bl-idea



li fil-futboll, kontrarjamnent ghal dak li jsir fir-rugby, il-ballun hu simbolicamnet meqjus bhala xi haga perikoluza u ta' disprezz. Izda wiehed ihoss li din it-teorija ma ddoqqx ghal kollox q quddiem xi wirja ta' futbol artistiku, meta l-ballun ikun imfissed mill-atleti b'hafna karezzi u tmellis.

Illum il-futbol, l-iktar loghba popolari fid-dinja. Dan forsi ghaliex il-bniedem tal-lum, ghal-kemm matur taht l-aspett kulturali, ghadu essenzjalment il-bniedem primittiv, u l-futbol hu l-iktar loghba li tappella u tissodiffa l-istinti primittivi tieghu.

Tara u tiggudika l-futbol mhix xi haga facli. Il-movimenti kontinwament jitbiddlu, xi drabi tbassarhom, hafna drabi ma tbassarhomx; ghax dak li qieghed jigri fil-pitch hu taht is-setgha tal-fantasija, tal-kapacita' u tal-kundizzjoni ta' l-atleti f'dak il-hin, hu taht il-gwida tas-sens tattiku tad-dirigenti li jorganizzaw it-timijiet, hu taht il-gibda tas-schom l-orali tal-folla, taht it-ridni tal-interpretazzjoni tal-ufficcali, u taht is-seher tal-burfati ta' tantnnies, burdati li jvarjaw mhux biss minnppartitta ghall-ohra, imma minn mument ghall-iehor.

Is-Sur Joe Psaila. Kowc tax-
Xewkija Tigers. F.C.

L-GHOGOL TAD-DEHEB

Fix-Xewkija ghandna frazi kurjuza hafna meta naraw lil xi hadd ihaffer ghal xi pedamenti biex jibni xi dar jew ihaffer ghal xi bzonn iehor, tisma lil xi hadd jghidlu, "qed tfittex il-ghogol tad-deheb?"

Biex inkunu nafu minn fejn hi gejja din il-frazi irridu immorru lura fiz-zmien il-paganizmu. F'dan iz-zmien, in-nies kienu jghixu f'Ghawdex kienu jaduraw lil allat foloz, bhal ma huma l'allat tal-Fenici Melkartu Astarte, u wara l-allat Rumani, bhal Venere, Diana, Appollo, u Guno.

Dan l-ghogol kien xi wiehed minn dawn l-allat. Il-kobor tieghu kien madwar xi pied. L-ghogol kien qieghed fuq pedestall tad-deheb ukoll. Ghajnejh kienu zewg rubini homor u fuq mohhu kellhu djamand kbir.

Leggenda tghid lildan l-idolu pagan kien mohbi taht l-art mir-ragel qaddis tat-tempju. (ix-xejk;) biex isalvah mir-rovina li messet lill-idoli l-ohrajn. Meta S. Pawl gie Malta, tghid leggenda ohra xi nies li kienu jahdmu ir-raba' taghhom hdejn il-knisja parrokkjali b'miraklu semghu lil San Pawl jippriedka mill-Imdina u fiss emmnu dak it-taghlim. Wara odew ikissru dawn l-idoli li sabu f'idejhom.

Lil dan l-ghogol, billi kien midfun ma messithux din ix-xorti u jghidu li nstab fejn illum hemm il-Knisja Parrokjali.

minn pagina 7

F'Malta, f'Genova, Napli, Firenze, u f'bosta galleriji ta' l-arti fl-Ewropa u l-Amerika jezistu bosta kwadri tal-Preti jew ta' l-iskola tieghu li ghadhom n'hiemiex studjati bir-reqqa. It-titular tax-Xewkija jista' jkun wiehed minnhom. Dan il-kwadru jinsab f'kundizzjoni tajba u hu merfugh fil-Muzew tal-Maqdes fejn tinsab ukoll hafna mill-iskultura geblija tal-Knisja l-Qadima.

Ghandna tassew ghax nghozzu dan it-titular. Hu tabilhaqq wiehed mill-isbah xoghlijiet artistici li ghandna f'Ghawdex.

JOE CAMILLERI

Ref :-

Claudia Refice Taschetta : "Mattea Preti"
Bonello : "La Madonna nell'Arte" p.28
Bord Editorjali : "Ix-Xewkija Tul iz-Zmenijiet" p. 28
Gauci Mgr. Anton. : "Gozo"
: "Noti personali ta' l-awtur"

*/*/*/*/*/*/*/*/*/*/*/*/*/*/*/*/*/*/*/*/*/*/*/*/*

## PROFILI TAL-PLAYERS XEWKIN : SALVU CILIA

Twieled ix-Xewkija fl-1954.Ta' eta zghira laghab mat-tim tal-iskola, u wara fit-tim tal-minors. Issa, ilu l-midfielder regolari tat-team tax-Xewkija ghal dawn l-ahhar sentejn.Cilia, huwa ezempju ta' player dedikat u sportiv. Kien verament jimeritah it-titlu bhala l-ahjar player tat-Tigers fl-1975. Nistghu nghidu li Cilia kellu sehem kbir fir-rebh tac-Championship tas-sena '74/75 ghaliex barra li laghab il-partiti kollha gieli skorja xi goals, fosthom fil-partiti kontra il-V.Hots.p u Sannat.

Salvu, jammira hafna l-Manh.Unt. ta' l-Ingilterra. Il-hobbies ta' Salvu huma, 'Il-Loghob tan-Nar', 'l-ghasafar', u 'il-films'.

****

F'ISEM IL-BORD EDITORJALI NIEXTIEQ NIFRAH LIL S. CILIA GHALL-UNUR LI KISEB DAN L-AHHAR.

EDITUR SPORTS.

# Ghawdex....fl-

## IL-GRAN KASTELL

Meta wiehed joqrob lejn ir-Rabat ghajnejh jistriehu u jitghaxxqu bid-dehra fuqanija tas-swar tac-citadella, li ghal dawk li jhobbu l-istorja hija l-qalb u r-ruh ta' kullgrajja li grat f' Ghawdex.

Skond it-tradizzjoni dil-Belt inbniet fuq l-ghaolja li tinsab f'nofs il-gzira, fl-istess zmien li twaqqfet l-Imdina. Fil-fatt hemm xebh bejniethom.

Xi kittieba barranin antiki, hallew miktub kliem ta' tifhir-- hekk Quintano f'tahdita sostna li l-Belt twaqqfet bosta snin qabel ma nbniet Ruma. Insibu lil Cicerun u Kluverju li meta jsemmu l-Kastell, jaghtuh l-isem ta' "oppidum". Talomew isemmi "Glanconis et Insula et Civitas", li tfisser il-Gzira u l-Belt ta' Ghawdex.

Ta' min jghid li ahus dejjem is-swar kienu kif nafuhom illum. Hajt minnhom kien jibda min nahha tat-tramuntana u ta' l-ilvant, jaqsam il-Haggarija (Triq il-Kastell) u jibqa sejjer sal habel ta' l-isptar (ta' S. Gwann), fejn kien is-salib tat-Tigrija u li dan kien ewlieni ta' dil-Belt; (illum imsejjah Putirjal.) Fejn kien jispicca l-habel ta' l-isptar, kien jibda hajt iehor ihares lejn Nofs in-Nhar u kien jasal sa Santu Wistin. Hawn kien hawn bieb li jaghti ghall-Ghajn il-Kbira, imsejjah sal-Lum Bieb il-Ghajn.

Wara s-sena 1551, il-Belt cekknuha. Ix-xoghol kien f'idejn l-inginier Ruman G. Rinaldo. Dan sar ghaliex il-Kavallieri raw li hija izjed haga hafifa li tiddefendi kastell zghir milli wiehed kbir. Ghall-istess ghan l-Gharab kienu cekknu l-Imdina u gabuha mit-tmienja, wihed tal-kobor li kellha qabel.

# imghoddi..

Illum il-Gran Kastell johlom fl-imghoddi u jitnieħed u ghalhekk isaltan skiet ta' qabar, li jinkiser biss mill-ghana ta' l-Ghasafar tal-bejt u xi kliem barrani. Fit-toroq dojoq u kwieti wiehed jiltaqa' ma turisti bil-kamra tar-ritratti f'idejhom jitghaxxqu bis-sbuhija. Minkejja li hafna mill-bini llum spicca, ghad baqa' fdalijiet tal-warrani li moghozza minn kull min ihobb il wirt storiku.

Insibu l-Kattidral, il-Palazz tal-Qorti, ir-Residenza tal-Gvernatur ta' Ghawdex, il-Palazz ta' l-Isqof Cágliar.., u l-Arlogg il-Qadim.. Dawn huma xi ftit gawhar midmuma fil-kullana tal-Arkitettraa Maltija.

Meta wiehed jidhol fil-misrah tal-Kastell jilmah quddiemu, joghla 'l fuq il-Katidral, omm il-Knejjes kollha tal-Gzira. (Wiehde irid jghid li l-mina l-Kbira kienet infethet xi snin ilu Il-Bieb ewlieni kienet il-mina iz-zghira li tinstab fuq il-lemin tal-Kbira.

Fuq ix-xelluh hemm il-blokk bini sabih. Fi zmie l-Ordni l-ewwel wiehed minn dan il-blokk kien il-Qorti Civili, waqt li ta' ma genbu kien ir-Residenza tal-Gvernatur.(L-ewwel palazz ghadu jintuza bhala Qorti Civili waqt li fejn dan kien joqghod il-Gvernatur illum huwa l-uffi^cju tar-Registratur Pubbliku.) Hdejn il-Palazz tal-Gvernatur ghad baqa' l-fdal ta' habs tal-Ordni li hu maghmul minn cellel zghar, kif kienet id-drawwa dak iz-zmien. Ftit jardi boghod mill-habs, hemm l-Arlogg il-Qadim..... sieket.

Fuq in-naha l-ohra nilmhu il-Palazz ta' l-Isqof, il-Muzew t'Ghawdex (li minn hdejh nitilghu ghad-dehra panoramika t'Ghawdex.

Il-kastell ghadu kif kien hiemed....iz-zmien ghaddej.. izda jibdillu biss s-sura izda ruhhu ma tintmess u ma tinbidel qatt miz-zmien qerriedi f'ghajnejn dawk li jhobbu l'arthom

MARIO CAMILLERI.

IL-KELMA TAL-FATHER.

Tassew hija hasra, meta tisma' z-zgħa-żagħna jidghu ghall-xejn b'xejn. Barra li mhux unur ż-żghażugh, haga bhal dik toffendi bis-shih il- qalb tal-Mulej, tal-Missier li jhobbna.

Alla ta' Missier hanin li huwa, jhares lejna u jithassarna. Jarana nirrabjaw ghal ftietaq ta' xejn, u jiddispjacih ghalina, ghax ahna ma' gharafniex nizzejjed is-sbuhija tal-hajja, ghax magharafniex lilu, li hu l-hena taghna. Hu Alla li sawwarna mix-xejn, u li ta' l-qawwa lil Genituri taghna biex tell-ghuna zghazagh b'sahhitna, u li fetthulna l-biebien tal-hajja hienja. Hu nissel f'qalbhom l-imhabba, biex jibqghu maghqudin ghal dejjem, sa l-ahhar sabiex nghid ukk, maghqudin flimkien ikunu jistghu jrabbu lilek fil-ghozza. Hu wkoll li jwissina permezz tal-Kotba Mqaddsa kif ghandna nghixu, kif ghandna niehdu il-hajja kif gegi, u mhux noqghodu nirrabbjaw u nidghu!

Ghalhekk ghaliex tgholli lehnek kontra ghaliex tisbel u tissahhan ghal kull haga ta' xejn min halqek ?
ghaliex tidghi biex turi li issa kbirt?
ghaliex dak il-kliem baxx li majghmillekx unur?

Ieqaf, u ahseb. Alla jghidlek:-"Bil-Qawwa tieghek kollha hobb lil min halqek.

))))((((

# Kronaka



Il-kumitat tax-XewkijaTigers F.C. bhal fis-snin l-imghoddija organizza s-summer league. F'dan il-league hadu sehem players tal-ist team, reserves u anki minors jigifieri kien miftuh ghaz-zghazagh kollha Xewkin li ghandhom ghal-qalbhom din il-loghba. Dan il-league huwa ta' min jinkorragih ghaliex barra li l-players jghaddu l-hin barrani f'loghob dicenti, iservi ukoll biex il-players izommu ruhhom 'fit', ghall-istagun li jkun imiss. It-teams li hadu sehem kienu :- Holland, Flamingoes, Grasshopers, u Estudiantes. Ta' l-ahhar rebhu il-league wara' it-tqtigha li kellhom kontra il-Grasshopers.

27 t'Awissu '75

Ghar-raba' sena konsekkutiva giet organizzata 'L-Ghanja Sajfija'. Bhas-soltu saret fil-bitha tal-kazin tal-banda. Din is-sena il-mistednin specjali kienu :- Renato, Marbeck Spiteri, U Hector Bruno, filwaqt li il-prezentaturi kienu :- Charels Takç, u Vitorin Galea. Hadu sehem 10 kantanti fil-parti kompettitiva. Ghal-darb'ohra il-rebbieha kienet is-simpatika kantanta Doris Refalo.

Il-gurija tal-festival kienet kollha Ingliza. Fi tmiem l-Ghanja Sajfija gewipprezentati it-trophes.

****************

6-11 Ottubru '75 :- Il-Moviment Azzjoni Socjali (Ghawdex) organizza gimgha socjali fir-rahal taghna. Fi din il-gimghagew organizzati diversi konferenzi dwar suggetti li jolqtu lil kull sezzjoni tar-rahal taghna. Fl-ahhar gurnata il-M.A.S. organizza quddiesa li fiha tbierku l-ghodod tal-haddiema Xewkin.

RAYMOND CALLEJA

# xqalu t-turisti

Kummenti mhollija mit-turisti li zaru l-Knisja Rotunda–

C.Grima.

Kienet iddeja sabiha hafna li t-turisti u vizitaturi jnizzlu imhom fil-ktieb tal-visitaturi. Minn meta' tpogga ghall-ewwel rba, eluf ta' visitaturi hallew isimhom bhala tifkira u ukoll -kummenti taghhom.

**um bl-ingliz**

mazing
antastic
agnificent
ovely
onderful
plendid
es!
mpressive
nchanting
xquisite
lassic
lorious
ncredible
agnificat
ajestic
recious
tunning
redit of faith
nique
ood hard work
superb
Beautiful
Lovely workmanship
Graceful
Worth every penny
Astonishing
Breath taking
Artistic
Peaceful
Charming
Fabolous
Full of delight
Like in heaven
Marvellous
Out of the World
Real
Terrific
What can we say?
Brilliant

**Kum. bil-Franciz**

Très belle
Quel travail!
Simple et fraiche
Très beau
Très interessant

::::::::::::::::::

**BIL-MALTI**

Bellezza
Ghagbitna
Kapulavur
Monument
Opra sabiha

**BIT-TALJAN**

Bella e immensa
Molta bella
Stupenda
Splendida
Una bella chiesa
Entusiasmnete

**KUM bil-Belgjan**

Fyn
Het is zeer

**Bl-OLANDIZ**

Erg mooi
Prachting

**Kum bil-German.**

Sehr Sehon
Eine nerrhche Kirche

# KOMPETIZZJONI

Minn din is-sena bdejna naraw il-kompetizzjoni tal-Biljard fix-Xewkija.

Din il-kompetizzjoni f'ghamla ta' league fi hsiebna li nkompluha, fis-snin li gejjin. Ghal din il-kompetizzjoni hadu sehem 30 player u kienu maqsumin f'zewg gruppi ta' 15 il-player il-wiehed. Spiccaw fl-ewwel post Publius Buttigieg u Noel Azzopardi. Runners Up spicca Gorg Xerri u Pawlu Vella. Fis-semi Finali Gorg Xerri rebah lil Noel Azzopardi filwaqt li Pawlu Vella rebah lil Publius Buttigieg. Fil-finali Pawlu Vella Rebah l-ewwel zewg loghbiet tat-tliet partiti stipuliti u b'hekk sar ic-Champion tal-League.

Matul dan il-league kien hemm 214 il-partita li kollha gew ikkontrallati tajjeb hafna minn referees appuntati. Il-loghob kollu sar fix-Xewkija Tigers F.C. Il-kompetituri wrew sens ta' sportsmanship sa l-ahhar.

Nifirhu lic-Champion Pawlu Vella u nawguraw kull success ghall-kompetizzjonijiet futuri.

---

'l-ewwel ghajnuna' minn pagna 6

.... l-ewwel tellghu mill-ilma, poggieh fuq ir-ramel, nehhilu xi haxix jew xi ramel minn halqu. Ghamillu rasu la ...nba, biex jekk ikun ser jifga, johrog kollox il-barra. Ara li jkun qed jiehu nifs sewwa. Nehhilu hwejjeg issikkati. Fittex ghat-tabib ma ajr. (J.F.) NURSE.

---

# tal-biljard.

minn ---- carmel grima-

GH.S.X.
GHAQDA STUDENTI XEWKIN

**************************************************
********************************************
***************** L-AHHAR KELMA

## Kummenti

Dan l-ahhar, l-arcipriet taghna, waqt funzjoni ta' l-ahhar tas-sena fil-Knisja Rotunda habbrilna d-dhul u l-hrug tal-flus fil-bini u d-dekorazzjoni tal-knisja. Tiskanta meta tiftakar kemm flus qed taghti n-nies tax-Xewkija ghar-Rotunda. Il-flus huma bzonnjuzi... imma l-flus mhux kollox. Niftehmu ahjar!! Min jaf li kieku, barra mis-sagrificcji li qeghdin isiru ghar-rahal isiru ftit sagrifficcji ohra. Bhal per ezempju xi hadd li jivvolontarja li jghin f'dan il-magazin . Magazine bhal dan lilna jehdilna hafna xoghol u hafna spejjes. Niextiequ l-ghajuna ta' dawk l-individwi li jistghu jghinuna fix-xoghol ta' dal-magazine. Ghandna xoghol ghal kulhadd.

PROSIT:- Lil min ha hsieb l-organizzazjoni tal-festival tal-Milied fir-rahal taghna. Irnexxa tassew.

MARCELLINO:- Nistghu nghidu li dar il-gzira ta' Ghawdex. Inhadem:-Xewkija, Munxar, Xaghra, Nadur, u Gharb. Prosit lil kulhadd.

CENTRU PARROKJALI:- Kien ilu jinhass il-bzonn..Fl-ahhar jidher li ser nvaraw! J' Alla. Tehhtieg hafna ghajnuna. Kulhadd ilesti.